**30 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Alamango

*versus*

Joseph Buttigieg

**Inċident Awtomobilistiku - Danni**

*Konfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għaliex il-Qorti ta' l-Appell ma deherilhiex li kellha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti li semgħet* viva voce *x-xhieda.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-1 ta' Lulju, 1996 li taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur fis-6 ta' Frar, 1996 fejn *talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas* lill-attur is-somma ta' Lm194.88 danni (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti *occorrendo* bl-opra ta' periti *nominandi*) minnu subiti in segwitu għall-kolliżjoni li ġrat f'Raħal Ġdid fil-15 ta' Settembru, 1995 bejn il-karozza nru. J-5227 misjuqa mill-istanti u vettura numru Y-0430 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident u

dana minhabba imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjeż, kompriżi Lm11.50 ta' konsulti u ittra uffiċjali tad-data ta' l-avviż lill-assikurat tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax min-notifika ta' dana l-avviż kontra l-konvenut li ġie nġunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi t-talbiet ta' l-attur huma nfonati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur kien responsabbli ghall-kolliżjoni fejn bhala konsegwenza saru l-hsara minnu danni sofferti;

*Semghet ix-xhieda bil-ġurament;*

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

*Illi din il-kawża tirrigwarda kolliżjoni li ġrat fil-15 ta'* Settembru, 1995 ghall-habta ta' l-4.30 p.m. fil-pjazza ta' Rahal Ġdid bejn il-karozza J-5227 misjuqa mill-attur u x-xarabank Y-0430 misjuqa mill-konvenut;

L-attur xehed li kien qed idur mas-*centre stip* tal-Pjazza ta' Rahal Ġdid ġej min-naha tal-knisja biex idur ma' l-*istrip* halli *jerġa' lura fl-istess direzzjoni. Kien qed iżomm kemm jista'* jkun mal-bankina tal-lemin. Waqt li kien qed javviċina *ż-zebra crossing* ġiet ix-xarabank minn fuq ix-xellug tieghu li ġibdet lejn il-lemin ghal fuqu. Ghad illi kompla jaghfas lejn il-lemin spazju aktar ma kienx hemm u ghalhekk waqaf, iżda x-xarabank xorta baqghet diehla u laqtitu fuq il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug. Il-hsara fix-xarabank kienet fuq żewġ pjanċi ta' wara

tan-naħa tal-lemin. Il-ħsara fil-karozza tiegħu ġiet spezzjonata minn *surveyor* ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut. Ġew esebiti żewġ ritratti fejn tidher il-ħsara fuq il-*mudguard* u l-irċevuti relattivi tal-flus imħallsa għat-tiswija;

Il-konvenut, min-naħa l-oħra qal li hu kien fuq ir-rotta tal-Kalkara *u ħareġ minn Għajn Dwieli għal ġol-pjazza* ta' Raħal Ġdid. Fuq in-naħa tax-xellug tiegħu fejn hemm il-Labour Party Club kien hemm karozzi *double parked* u għalhekk xegħel l-*indicator* u ġibed lejn il-lemin. Dak il-ħin ġie l-attur minn fuq il-lemin u pprova jgħaddi fl-ispazju li kien hemm bejn ix-xarabank u l-bankina. Peress li dan l-ispazju kien ristrett wisq l-attur baqa' dieħel fuq in-naħa ta' wara tal-lemin tax-xarabank u ġew danneġġati l-aħħar żewġ pjanċi;

Illi fl-isfond ta' dan ir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti ssib ħafna x'tiċċensura fl-operat tal-konvenut. Jekk triqtu kienet b'xi mod ostakolata b'vetturi li kienu *double parked* ma kellu l-ebda dritt jinvadi l-karreġġata ta' ħaddieħor. L-attur kien ippustjat tajjeb kellu ftit spazju għal manuvrar iżda ma kien ser jostakola *lil ħadd fid-direzzjoni li kien qed isuq. Il-konvenut jgħid li* xegħel l-*indicator* meta ġibed lejn il-lemin; din fiha nnifisha mhux biżżejjed biex tiskolpa responsabbilità iżda trid tkun akkumpanjata minn miżuri oħra fosthom li s-sewwieq irid jassikura ruħu li l-messaġġ tiegħu wasal għand l-utenti l-oħra tat-triq u li dawn fehmu l-intenzjon tiegħu. Bħalma din il-Qorti kellha diversi okkażjonijiet tgħid, l-*indicator* mhuwiex xi *brevett ta' minurità li wieħed jixgħel u jinsa iżda biss wieħed* mid-diversi miżuri neċessarji sabiex tinbidel direzzjoni u tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku. Il-konvenut donnu ma tantx kien jimpurtah minn dan u forsi ippretenda li għax hu kbir ħaddieħor jaqbillu jwarrablu. Sfortunatament, l-attur ma kellux fejn iwarrab u l-unika ħaġa li seta' jagħmel kien biss li jieqaf u jispera li x-xarabank tgħaddi mingħajr ma tolqtu. Dan ma sarx u *l-ħsart fil-mudguard huma tali li jindikaw li kien il-konvenut li*

dahal fuq l-attur u mhux *vice versa*. Il-karozza ta' l-attur ma kinitx f'xi kondizzjoni eċċellenti, imma mir-ritratti esebiti ma jidhrux hsarat frontali u dawn huma limitati biss fuq il-*mudguard* li jidher *bashed in*;

Il-Qorti jidhrilha li l-attur ġab provi biżżejjed biex jiġġustifika t-talba tiegħu fi grad li trid il-liġi u tisthoqq li tkun milqugħa;

Għaldaqstant, il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, taqta' u tiddeċidi illi tilqa' t-talba ta' l-attur, tiddikjara lill-konvenut unikament u esklussivament responsabbli għal dan l-inċident li ġara fil-15 ta' Settembru, 1995 fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid bejn il-karozza J-5227 misjuqa mill-attur u x-xarabank Y-0430 misjuqa mill-konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm194.88 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dan l-ammont hekk illikwidat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Minn dik is-sentenza appella l-konvenut Buttigieg b'rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju, 1996 li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur. Għal dan l-appell saret risposta mill-appellat fit-23 ta' Lulju, 1996;

L-appellat iħossu aggravat għaliex, skond hu, mill-iskizz għandu jirriżulta li l-konvenut kien diġà għadda qabel l-attur. Huwa jissottometti li hu kien għaddej għall-affari tiegħu u kienet l-inattenzjoni ta' l-istess attur li ġabet l-inċident bil-konsegwenza li qed jipprova jitfagħha fuq il-konvenut. L-appellant jissottometti ukoll li l-attur wera nuqqas ta' *proper lookout* f'dawn iċ-ċirkostanzi u x-xhud P.S.764 indika b'mod korrett li l-attur kien dahal fil-konvenut;

Jinghad fl-ewwel lok li l-asserzjoni ta' l-appellant li x-xhud P.S. 764 indika b'mod korrett li l-attur kien dahal fil-konvenut m'hi vera xejn, ghaliex dak li xehed P.S. 764 huwa li ta l-versjonijiet ta' kull wiehed mill-partijiet u xejn aktar, u fi kwalunkwe każ ma kienx xhud okulari u allura ma jistax jghid kif ġara l-inċident;

Kwantu jirrigwarda l-kumplament, din il-Qorti, minn eżami tal-provi, ma taqbilx mas-sottosmissjonijiet ta' l-appellant u tara li mhuwiex il-każ illi d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti li *del resto* semghet liż-żewġ partijiet jixhdu *viva voce*, tiġi ddisturbata. Fil-fehma taghha, kuntrarjament ghal dak li qieghed jghid l-appellant, ma jirriżultax mill-provi li l-*bus* minnu misjuqa kienet diġà ghaddiet meta sar l-inċident, ta' dan ma hemmx provi u kollox jiddependi mill-apprezzament savju li jrid jaghmel il-ġudikant. Kif inghad, din il-Qorti mhijiex pronta fl-assjem tal-provi, li *essenzjalment jikkonsistu biss fiż-żewġ versjonijiet* rispettivi tal-partijiet, li tibdel xi haġa mis-sentenza appellata;

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' l-appellant.